# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1559/95 M1 NA**

**Mary Anne Muscat**

**vs**

**David Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-19 ta' Ottubru 1995 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-7 ta' Settembru 1985 (vide Certifikat taz-Zwieg - Dokument "A");

Illi l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat stante illi fil-mument meta kkuntrattat iz-zwieg ma kellhiex il-liberta' psikologika

peress illi hija kienet tqila w izzewget unikament minhabba din ir-raguni;

Illi anke l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat minhabba l-assenza tal-liberta' psikologika stante illi huwa zzewweg lill-attrici unikament minhabba l-gravidanza taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat stante li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg ikkuntrattat mill-attrici mal-konvenut fis-7 ta' Settembru 1985 huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-

kontendenti fis-7 ta' Settembru 1985 huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

2. taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut debitament notifikat fis-7 ta' Novembru 1997 m'ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u ghalhekk waqa' kontumaci. Huwa lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 1998, l-ewwel dehra wara li kien gie notifikat, minkejja illi deher ghalih id-difensur tieghu. Nonostante l-kontumaci tal-konvenut f'kawza ta' din in-natura l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Francesco Depasquale bhala espert biex jigbor il-provi u jirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 fejn dehru l-Avukati rispettivi li rremettew irwiehhom ghar-rapport peritali w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tipprovdi fir-rigward tar-rikors ta' l-attrici tat-22 ta' Gunju 2001 billi tichad it-talba peress illi ma kienx possibbli li din il-kawza tigi rikjamata.

Fil-meritu l-Perit Legali wara li sema' l-provi li kienu jikkonsistu fix-xhieda ta' l-attrici, tal-habiba taghha Isabelle Smeir u tal-konvenut, ilkoll b'affidavit (gustament f'kawza ta' din in-natura giet anke kkonsidrata din ix-xhieda minkejja l-kontumaci tal-konvenut), ezamina dawn il-provi taht it-tlett sub-incizi ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li kienu gew imsemmija mill-attrici fit-talbiet citattivi taghha. Huwa wasal ghal konkluzzjoni illi ma kienx hemm lok li dan iz-zwieg jigi annullat a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (g) ta' l-istess Kapitolu. Invece l-istess Perit Legali deherlu illi dan iz-zwieg setgha, u kellu, jigi annullat a bazi tas-sub-incizi (f) u (d) ta' dan l-Artikolu. Fir-rigward ta' l-ewwel sub-inciz kien ta' l-opinjoni illi "*Mix-xhieda kif prodotta, jidher illi l-kuncett taz-zwieg ghall-konvenut kien kuncett li qatt ma seta' jifhem – ghalih, iz-zwieg gie impost minhabba fis-sitwazzjoni li kienet giet ikkreata wara li l-attrici harget tqila.*" In kwantu ghas-sub-inciz (d) huwa deherlu illi: "*Hija haga certa, minkejja li l-attrici ma*

*semmithiex, li l-fatt li hija harget tqila waslet sabiex saret pressjoni kemm fuqha kif ukoll fuq il-konvenut sabiex dawna jizzewgu u dana sabiex ma tinghatax skandlu lis-socjeta' in generali.*"

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi l-parir moghti mill-espert minnha mqabbad. Minkejja inkonsistenza serja f'dak li qalet l-attrici fid-dikjarazzjoni guramentata taghha ma' dak li qalet fl-affidavit minnha pprezentat, principalment dwar il-preparamenti li kienu qeghdin isiru ghat-tieg taghha u tal-konvenut, il-Qorti temmen illi finalment kienet biss it-tqala ta' l-attrici li wasslet lill-partijiet li jaghtu l-kunsens taghhom ghaz-zwieg, kunsens li kien, ghalhekk, ivvizzjat anke biss ghal din ir-raguni, minkejja illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizzjat peress illi inghata b'simulazzjoni parzjali interna fejn eskluda posittivament element essenzjali taz-zwieg, ossija, il-fedelta'.

Ikkunsidrat:-

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Settembru 1985 huwa null

u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Fuq il-provi u fil-kontumacja tal-konvenut l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kwint (1/5) mill-attrici u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.